# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 3.5

**Kap: Aħna magħqudin flimkien**

**Lezzjoni 3.5: Il-Kotba Mqaddsa**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jitgħallmu bl-importanza li l-Kultura Lhudija kienet tagħti lill-Iskrittura Mqaddsa.
2. Jifhmu l-importanza tal-Iskrittura għalina.
3. Jitgħallmu jitolbu bl-Iskrittura b'mod sempliċi ħafna.
4. Jisimgħu l-istorja tal-Fariżew u l-Pubblikan.
5. Jiddiskutu din l-istorja.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- L-Inteactive Whiteboard

- Ppt - Il-Lhud u l-Iskrittura Mqaddsa

- Il-Bibbja

- Ppt - Il-Parabbola tal-Fariżew u l-Pubblikan

- Year 4 3.5 worksheet

- Link - **Parable of the Pharisee and the Tax Collector –**

ww.youtube.com/watch?v=Ufe6zouTq8g

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Erġa uri l-Bibbja lit-tfal u tistaqsihom x'jafu dwar il-Bibbja.
- Ikteb fuq il-board kliem importanti li jsemmu bħal: il-Kelma ta' Alla, l-Iskrittura Mqaddsa, Evanġelu, kittieba, Testment il-Qadim, Testment il-Ġdid.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri lit-tfal id-differenza bejn it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid. It-Testment il-Qadim jgħidilna ġrajjiet ta' qabel Kristu. It-Testment il-Ġdid jagħtina l-ħajja ta' Kristu u tal-Ewwel Insara.
2. Uri l-importanza li l-Lhud jagħtu lill-Iskrittura Mqaddsa. Din issir billi turihom PowerPoint Presentation.
3. It-tfal jinnutaw kemm hi importanti għal Lhud l-Iskrittura Mqaddsa.



4. It-tfal jiddiskutu wkoll kemm l-Iskrittura Mqaddsa hi importanti għall-Insara.
5. Punt importanti hu li l-Insara jemmnu li l-Iskrittura Mqaddsa hi l-Kelma ta' Alla u kitibha l-awtur li ngħidulu sagru mmexxi mill-Ispirtu s-Santu.
6. Staqsi lit-tfal fejn tinqara l-Iskrittura. Eżempju, fil-quddies tinqara silta mill-Atti tal-Appostli jew mill-Ittri tal-Appostli, Salm u l-Evanġelu.

7. Spjega kif għal-Lhud it-tempju kien il-post fejn wieħed jiltaqa' m'Alla u jitolbu dak li jkollu bżonn.
8. Aqra l-parabbola tal-Fariżew u l-Pubblikan u uri ppt. Tista' wkoll turi l-video. F'idejk.
9. Minn dan joħroġ li aħna rridu nkunu umli u ma niftaħrux, għandna nammettu li aħna midinbin u nitolbu maħfra.
10. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 3.5 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex jiddiskutu flimkien Attivita` 1 fejn huma jirrevedu l-istorja tal-Fariżew u l-Pubblikan u jimlew il-vojt.
11. Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi ddiskuti mat-tfal ir-risposti t-tajbin.
12. Asal għal Attività 3. Kompli d-diskussjoni dwar l-importanza li niftakru li jekk ma nitolbu bil-qalb u mill-qalb ma nkunu qed nitolbu xejn.
13. Tita' tistieden lit-tfal imorru d-dar jew fejn jitgħallmu l-Katekiżmu u jistaqsi kif isibu xi siltiet mill-Evanġelju.




**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Fil-quddies tinqara silta mill-Atti tal-Appostli jew mill-Ittri tal-Appostli, Salm u l-Evanġelu.
2. L-Iskrittura Mqaddsa hi l-Kelma ta' Alla u nkitbet bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu
3. Bħall-Pubblikan għandna nammettu li aħna midinbin u nitolbu maħfra.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal japprezzaw il-Kelma tagħha għaliex jifhmu kemm hi importanti u minn fejn hi ġejja.

It-tfal juru li mhumiex kburin u dejjem juru rispett lejn l-oħrajn, anke lejn dawk li għandhom twemmin differenti minn tagħhom.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



## Nitolbu

Mulej Ġesù, għinna napprezzaw kull kelma li ħallejtilna fl-Iskrittura Mqaddsa. Għinna nimxu fuq it-tagħlim tiegħek biex ngħixu ħajja tajba. Agħmel li nkunu umli u nammettu li żbaljajna biex naqilgħu l-maħfra. Ammen

